PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

9.9.2009 B7-0032/2009

# <TitreType>MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex jingħalaq id-dibattitu dwar l-istqarrijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-Samit tal-G20 ta' Pittsburgh

**Lothar Bisky u Jürgen Klute**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**B7-0032/2009**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-Samit tal-G20 f'Pittsburgh**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Samit tal-G20 li sar f'Londra fit-2 u t-3 ta' April 2009,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-25 ta' Frar 2009 imħejji mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja tal-UE, u ppresjedut mis-Sur Jacques de Larosière, għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, ir-rabtiet ta' self kbar, l-arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-superviżjoni finanzjarja Ewropea (COM(2009)0252),

– wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv (COM(2009)0207),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-ministri tal-finanzi tal-G20 f'Londra fl-4 u l-5 ta' Settembru 2009,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi d-dinja għaddejja minn reċessjoni kbira u profonda u għadu mhux ċar jekk din ir-reċessjoni hijiex se ssir depressjoni kumparabbli mal-inkubu tat-tletinijiet tas-seklu li għadda,

B. billi r-reċessjoni attwali hi l-aktar waħda profonda mit-Tieni Gwerra Dinjija, li tirriżulta f'kontrazzjoni tremenda tal-ekonomiji tal-Grupp tas-Seba' Pajjiżi (G7) b'waqgħa ta' 3.7% tal-GDP fl-2009, kif previst mill-OECD,

C. billi l-kollass tas-sistema finanzjarja ħalliet l-ekonomija reali bi problemi kbar bħal telf kbir ta' impjiegi, tnaqqis fil-livell tal-għajxien, persuni li jitilfu darhom, u pressjoni kbira ferm fuq il-pensjonijiet u l-iskemi tas-sigurtà soċjali,

D. billi l-popli f'pajjiżi aktar fqar huma l-aktar li qed isofru; b'mijiet ta' miljujni ta' persuni affettwati sew minn prezzijiet tal-ikel li għolew u hu mbassar li din is-sena r-reċessjoni se twassal sabiex 50 miljun persuni jispiċċaw mingħajr xogħol kif ukoll 200 miljun oħra f'faqar assolut, tqiegħed b'hekk dubju dwar jekk jistgħux jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju dwar it-tnaqqis tal-faqar; jenfasizza li l-pajjiżi żviluppati jeħtieġ li jallokaw ħafna aktar riżorsi biex jintlaħqu dawn l-għanijiet,

E. billi l-inugwaljanza li qed tiżdied fid-distribuzzjoni tad-dħul u l-ġid (profitti korporattivi u ġid individwali li qed jikbru, tnaqqis drastiku tas-sehem tal-ħaddiema fid-dħul nazzjonali) f'dawn l-aħħar 30 sena kienet il-fattur ewlieni li qanqal it-tkabbir enormi ta' investiment fis-swieq finanzjarji u l-ħolqien tal-bużżieqa tal-prezzijiet tal-assi; billi kemm il-politiki neoliberali tal-liberalizzazzjoni tas-suq finanzjarju, kif ukoll l-orjentazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir biex jiżdied akkost ta' kollox il-valur għall-azzjonisti, kienu ppruvati li fallew kompletament,

F. billi l-konvinzjoni komuni, kondiviża mill-mexxejja politiċi u kummerċjali u l-ekonomisti prinċipali, li 'is-swieq ħielsa jagħmlu għażliet aħjar' u li l-interazzjoni ħielsa tal-forzi tas-suq tiggarantixxi allokazzjoni effiċjenti u effettiva tar-riżorsi, ġew miċħuda b'evidenza b'saħħitha mill-kriżi finanzjarja u ekonomika,

G. billi l-kriżi finanzjarja u t-tnaqqis fl-'ekonomija reali', flimkien ma' fatturi strutturali oħra (il-bidla fil-klima u d-degradazzjoni tal-ambjent, il-kriżi tal-ikel u l-enerġija, il-kummerċ eċċ.), juru li din hija kriżi sistemika tal-kapitaliżmu kontemporanju,

H. billi l-kriżi attwali tenfasizza l-bżonn li jingħaqdu flimkien il-forzi ekonomiċi u politiċi tad-dinja kollha biex il-kriżi tiġi affrontata permezz ta' politiki fiskali kkoordinati u biex jitrażżnu s-swieq finanzjarji; billi d-dinja tradizzjonali tal-Punent, speċjalment l-Istati Uniti, il-Ġappun u l-UE, m'għadhiex kapaċi ssolvi waħedha l-problemi; billi s-Samit tal-G20 kien għalhekk mistenni li jniedi ordni ekonomiku dinji ġdid bi rwol importanti għall-pajjiżi emerġenti;

**Ordni finanzjarju ġdid**

1. Jiddeplora l-fatt li l-pajjiżi membri tal-G20 naqsu milli jilħqu l-għan dikjarat fl-ewwel samit tal-G20, li sar f'April 2009 f'Londra, li jieħdu passi sodi u immedjati biex jintroduċu regoli għal 'ordni finanzjarju ġdid'; iqis li s-soċjalizzazzjoni tas-settur bankarju u t-twaqqif ta' ġabra ta' istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex jindirizzaw il-kreditu lejn investimenti soċjalment u ambjentalment utli li joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja; iqis li t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politiki ta' kreditu tas-settur finanzjarju għandhom jgħaddu taħt kontroll pubbliku demokratiku u jinvolvu l-parteċipazzjoni demokratika tal-impjegati u l-konsumaturi;

2. Jikkritika l-fatt li l-arkitettura ta' dan l-ordni l-ġdid għadha s'issa ma tfasslitx; iqis li l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar superviżjoni finanzjarja Ewropea, ta' Mejju 2009, tirrappreżenta biss blue-print inizjali u insuffiċjenti tal-ordni l-ġdid propost; jinsab diżappuntat dwar il-ħin moħli mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni li ma għamlux dak li kellhom jagħmlu; jikkritika bis-sħiħ l-attitudni ġenerali li hemm fost il-politiċi Ewropej, li regolamentazzjoni finanzjarja aktar mgħaġġla u b'ambitu aktar miftuħ toħloq biss tfixkil u ħsara lis-'swieq';

3. Jinnota l-proposta għal direttiva tal-Kummissjoni ta' Lulju 2009 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv (AIFM) bħala l-ewwel pass, għalkemm żgħir, biex ikun ikkontrollat ir-riskju finanzjarju; jikkundanna l-lobbying insidjuż mis-'City of London' u minn gruppi oħra ta' interess kontra l-għanijiet ta' din id-direttiva bħala motivati mill-

interessi dojoq u egoistiċi tagħhom; jinsab imħasseb li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva se jkopri biss lill-maniġers u mhux lill-fondi;

4. Jikkritika l-fatt li, fuq il-bażi tal-'pakkett ta' superviżjoni finanzjarja' propost mill-Kummissjoni, li se jistabbilixxi 'Bord ta' Riskju Ewropew', ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza se jkopru biss istituzzjonijiet finanzjarji, strumenti u swieq importanti *fuq livell ta' sistema*; jenfasizza li hemm bżonn ta' regolamentazzjoni iktar stretta sabiex jiġu evitati perikli kkawżati minn kwalunkwe prodotti finanzjarji attwali jew ġodda u riskjużi (bħal pereżempju l-fondi protetti, fondi ta' kapital privat, prodotti derivattivi eċċ.) u li dawn jeħtieġ li jiġu pprojbiti jew li l-kummerċ tagħhom jiġi strettament limitat u sorveljat;

5. Jikkritika bil-qawwa, wkoll, il-fatt li r-regolamentazzjoni għandha timpedixxi biss leverage eċċessiv; jemmen li hemm bżonn jiġu introdotti limiti stretti fuq il-leverage għall-istituzzjonijiet finanzjarji regolati kollha; jitlob restrizzjonijiet serji fuq xiri ta' negozju fuq self (leveraged take-over), swieq derivattivi Over-The-Counter (OTC), kif ukoll rekwiżiti ta' kapital ogħla, li huma vitali;

6. Jenfasizza li l-fondi ta' pensjoni, u speċjalment il-fondi ta' pensjoni tax-xogħol, ma għandhomx jitħallew jinvestu fi prodotti finanzjarji, bħal fondi protetti jew fondi ta' kapital privat, li jinvolvu riskji sistemiċi, peress li l-falliment ta' dan it-tip ta' fondi jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-pensjoni tal-persuni;

7. Jappoġġja l-proposta għal ħlas ta' bonus definit b'mod ċar u għal restrizzjonijiet fuq salarji eċċessivi; jenfasizza li hemm ħtieġa urġenti li jkunu kkontrollati l-bonuses ta' bankiera diġà mħallsa sew; jikkritika l-eżitu tal-laqgħa tal-ministri tal-finanzi tal-G20 ta' Londra dwar il-linji gwida għal ħlas ta' bonuses lill-bankiera, fuq il-bażi li l-linji gwida ma inkludewx limitu massimu fuq l-ammont li jista' jitħallas lill-individwi; jinsab konvint li t-tort għall-kriżi għandu jingħata mhux biss lill-maniġers rgħiba fl-industrija tal-finanzi imma, ugwalment, lill-gvernijiet tal-Istati Uniti u ta' kważi l-Istati Membri kollha tal-UE kif ukoll lill-istituzzjonijiet tal-UE; kollha kemm huma inkoraġġew il-liberalizzazzjoni tas-swieq finanzjarji; jissuġġerixxi li jkunu proposti wkoll 'regoli vinkolanti' għal ħlasijiet ta' bonus bħala azzjoni li tassigura lill-pubbliku li fil-fatt qed tittieħed azzjoni;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim milħuq mill-ministri tal-finanzi tal-grupp tal-G20 li l-banek għandhom jitolbu li jżommu parti mis-self li huma jerġgħu jipproponu u jbiegħu bħala titoli sostnuti mill-assi, imma jiddeplora l-fatt li l-ftehim ħalla l-implimentazzjoni u l-infurzar miftuħa; jikkritika bis-sħiħ, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tal-maġġoranza tal-Parlament Ewropew, li pproponiet rata ta' titolarizzazzjoni tas-self ta' ħamsa fil-mija biss;

9. Jirrimarka li madwar id-dinja kollha kienu mogħtija ammonti kbar ta' għajnuna mill-gvernijiet kollha lill-banek u istituzzjonijiet finanzjarji; jinnota li l-Istati Membri tal-UE approvaw total ta' € 363.1 biljun (ekwivalenti għal 30.5 % tal-GDP tal-UE) f'miżuri ta' għajnuna statali jew f'garanziji; jikkritika l-fatt li dawn il-politiki wasslu biex ġie soċjalizzat it-telf tas-settur finanzjarju; isejjaħ, minflok, għal miżuri bħax-xiri tal-ishma privileġġjati tal-bank u inizjattivi favur nazzjonalizzazzjoni sostenibbli tal-assi b'saħħithom tal-banek;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-regoli dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u li titjieb is-superviżjoni tal-dawn l-aġenziji fid-dinja kollha; jirrimarka li hi ukoll meħtieġa

Aġenzija Ewropea għall-Klassifikazzjoni tal-Kreditu tas-settur pubbliku sabiex jingħelbu l-kunflitti ta' interess li jtellfu l-proċess ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;

11. Hu tal-opinjoni li s-settur finanzjarju għandu jerġa' lura għall-funzjoni oriġinali u jopera l-ewwel u qabel kollox fl-interess pubbliku, għandu jaċċetta redditi iktar baxxi u sistemi ta' ħlas ta' bonus imfassla biex jiġi evitat ir-riskju u b'miri fit-tul minflok bi profitti fuq terminu ta' żmien qasir; jirrimarka li l-industrija finanzjarja fil-pajjiżi industrijalizzati, u speċjalment f'uħud mill-Istati Membri tal-UE, hi importanti wisq għall-ġid tas-soċjetà u għandha tiġi ridimensjonata, dan jista' jsir billi tiġi adottata t-taxxa Tobin fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-movimenti tal-kapital;

12. Iħeġġeġ lill-mexxejja tal-G20 sabiex jieħdu azzjoni soda u kkoordinata ħalli jeqirdu r-rifuġji fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u l-ħruġ illegal tal-kapital; ifakkar lill-mexxejja fil-wegħda li għamlu fl-ewwel samit tal-G20 li 'l-era tas-sigriet bankarju spiċċat'; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li l-korporazzjonijiet transnazzjonali jiżvelaw il-profitti tagħhom;

**Iggwida s-swieq, iġġieled id-dipressjoni ekonomika u ggarantixxi l-impjiegi u d-drittijiet**

13. Isejjaħ għal politiki kkoordinati fuq livell internazzjonali sabiex tiġi stabbilizzata l-ekonomija kontra r-riċessjoni, tiġi affrontata l-bidla fil-klima, jissaħħaħ l-iżvilupp ambjentalment u soċjalment sostenibbli, jissaħħu s-servizzi pubbliċi u jiġu promossi impjiegi għal kulħadd b'xogħlijiet ta' kwalità għolja flimkien ma' drittijiet soċjali; jirrimarka li s-samit tal-G20 jeħtieġ jorganizza l-koordinazzjoni internazzjonali ta' pjanijiet ta' rkupru li tinvolvi tal-inqas l-Istati Uniti, l-UE, iċ-Ċina, il-Brażil, ir-Russja u l-Ġappun sabiex tkun indirizzata l-kriżi fl-attività ekonomika u fl-impjiegi minflok li l-Istati Membri jitħallew jiffaċċjaw il-kriżi għal rashom; jenfasizza li l-pajjiżi li għandhom bilanċi kbar ta' esportazzjoni jeħtiġilhom jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-ekonomiji interni tagħhom u jsaħħu d-domanda interna, filwaqt li jenħtieġu politiki kkoordinati f'livel globali biex jikkontrollaw l-iżbilanċi kbar fl-ekonomija dinjija;

14. Jikkritika l-fatt li l-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew (EERP) mhuwiex biżżejjed biex jimpedixxi s-sensji tal-massa u jinsab il-bogħod sew mill-politika ta' rispons li hi meħtieġa; jikkritika bil-qawwa l-fatt li m'hemmx koordinazzjoni Ewropea reali fil-pjanijiet differenti ta' rkupru nazzjonali, imma minflok hemm politika ta' 'protezzjoniżmu' bi skemi nazzjonali konkorrenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ifasslu 'Programm ta' Investiment Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali' li jkun tal-inqas ta' 1% tal-GDP tal-UE, u li għandu jkun kumplimentat minn programmi simili ta' investiment pubbliku mill-Istati Membri sabiex tkun stabilizzata l-ekonomija, tkun miġġielda l-bidla fil-klima u tkun promossa s-sitwazzjoni ta' xogħol għal kulħadd b'impjiegi ta' kwalità għolja u bi drittijiet soċjali; jikkritika l-fatt li, attwalment, l-impenji tal-UE dwar il-ġeneru kienu mwarrba fl-iżvilupp tal-EERP; jinsisti li l-miżuri li jindirizzaw il-kriżi finanzjarja għandhom jinkorporaw perspettiva dwar il-ġeneru li ssejjaħ għal aktar investimenti fil-kapital uman, fis-settur pubbliku, u fis-servizzi tas-saħħa, - setturi tal-ekonomija li jistgħu jikkontribwixxu għal ekonomija aktar sostenibbli u soċjali fl-Ewropa u jnaqqsu l-inugwaljanzi u l-faqar;

15. Jirrimarka li t-tnedija ta' sistemi ta' bonus għall-iskrappjar tal-karozzi, introdotta l-ewwel

fil-Ġermanja u mbagħad f'xi Stati Membri tal-UE, tenfasizza l-fatt li huma meħtieġa politiki alternattivi li jippromovu bidla mill-ġdid tas-settur tal-karozzi favur servizzi ta' mobilità ambjentalment sostenibbli, li jissalvagwardjaw l-impjiegi eżistenti u li jipprovdu impjiegi ġodda ta' kwalità għolja;

16. Jikkritika l-intenzjoni ta' uħud mill-Istati Membri, tal-Kunsill tal-ECOFIN u tal-BĊE li jwaqqfu fi stadju bikri l-miżuri ta' emerġenza bħall-infiq ogħla tal-gvern, rati ta' interessi baxxi u faċilatijiet monetarji kwantitattivi; jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' 'strateġija ta' ħruġ' prematura biex jonqsu d-defiċits malajr sa 3% tal-GDP tirrepeti l-iżbalji politiċi li għamlu l-gvernijiet Ġappuniżi fid-disgħinijiet, li twassal l-ekonomija f'sitwazzjoni ta' deflazzjoni u tipperikola l-irkupru ekonomiku fid-dinja kollha;

17. Jirrimarka li l-indikaturi kollha juru li l-kriżi għadha ma ntemmitx; iwissi, f'dan il-kuntest, kontra repetizzjoni tal-iżbalji li saru fid-Dipressjoni l-Kbira (Great Depression); jenfasizza l-appell li sar mill-OECD li l-gvernijiet jeħtieġ li jibqgħu jistimulaw l-ekonomiji tagħhom għaliex iż-żieda kontinwa tal-qgħad u s-swieq dgħajfa tal-housing se jkomplu jeffettwaw ħażin id-domanda privata filwaqt li r-rati baxxi tal-interessi attwali għalissa għandhom jibqgħu fis-seħħ; jenfasizza l-opportunità li hemm disponibbli bħalissa li jkunu trasformati l-ekonomiji permezz ta' investiment qawwi fl-impjiegi 'green' u 'white' fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli, tas-servizzi pubbliċi u tal-kura u billi jkun inkoraġġit tnaqqis fil-ħin tax-xogħol mingħajr tnaqqis ta' salarji sabiex ikun miġġieled il-qgħad u l-ħaddiema jkunu jistgħu jirrikonċiljaw il-ħajja professjonali tagħhom ma' dik privata;

18. Jirrimarka li xi Stati Membri fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant intlaqtu sew mill-kriżi u qed jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għall-kreditu u għal investiment ġdid; jikkritika l-fatt li dawn l-Istati Membri tal-UE tħallew ikunu strumentalizzati mill-IMF u mill-programmi ta' aġġustament strutturali distruttivi; jitlob sabiex il-programmi antisoċjali tal-IMF ikunu pprojbiti mill-Ewropa; jenfasizza l-ħtieġa li l-Fond Monetarju Ewropew (EMF) joffri self ta' emerġenza lill-gvernijiet li ma jistgħux jiffinanzjaw id-defiċits tal-baġit tagħhom jew ilaħħqu mad-djun li jkunu mmaturaw; jikkritika, għalhekk, l-intenzjoni tal-G20 li jsostnu l-IMF b'fondi ġodda; jappella lill-Presidenza u lill-Kummissjoni biex japprovaw l-analiżi u l-proposti ta' riforma mressqa mill-Kummissjoni ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riformi dwar is-Sistema Monetarja Internazzjonali mmexxija minn Joseph Stiglitz;

19. Jesprimi tħassib dwar il-politiki tal-IMF u tal-UE għall-Istati Membri tal-Ungerija, tar-Rumanija u tal-Latvja u jirrimarka li l-programmi ta' aġġustament strutturali tal-IMF u l-kundizzjonijiet li hemm marbuta mal-assistenza finanzjarja tal-UE għall-Istati Membri ġġiegħel lil dawn il-pajjiżi jnaqqsu s-salarji, iżarmaw il-welfare state, id-drittijiet tal-ħaddiema, l-infiq soċjali u s-servizzi pubbliċi; jenfasizza li kondizjonalità ta' dan it-tip se ddgħajjef l-istabilizzaturi awtomatiċi ta' dawk il-pajjiżi waqt reċessjoni, twaddab l-ekonomiji tagħhom fi stat deflazzjonarju u ttawwal il-kriżi; jikkritika l-fatt li qed jintużaw politiki kontroproduttivi simili fi Stati Membri oħra, bħal fl-Irlanda u f'xi stati Baltiċi;

20. Jirrimarka li l-appoġġ finanzjarju tal-UE għal dawk l-Istati Membri għandu jkun marbut ma' konformità mal-prinċipji tal-mudell soċjali Ewropew, inklużi l-prinċipji ta' ġustizzja distributtiva, flimkien mad-drittijiet tal-ħaddiema u sistemi ġusti ta' taxxi li fihom 'min jiflaħ l-aktar iħallas l-aktar';

21. Iqis li hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati taxxi estremament baxxi f'uħud mill-Istati

Membri, politika li ddgħajjef il-bażi tad-dħul għall-finanzi pubbliċi; jikkonkludi li neħtieġu aġenda Ewropea li tinkludi l-ġlieda kontra r-rifuġji fiskali, l-ebda jew kważi l-ebda taxxi u sistemi ta' taxxa li jkunu ugwali kif ukoll koperazzjoni mill-qrib dwar it-taxxa korporattiva, it-taxxa fuq il-qligħ kapitali u taxxi fuq il-ġid; jipproponi li tkun meqjusa sew l-ipotesi ta' taxxa ta' tranżazzjoni finanzjarja globali jew għall-inqas Ewropea;

22. Jikkritika l-impenn tas-Samit tal-G20 li tintlaħaq konklużjoni ambizzjuża għar-Rawnd għall-Żvilupp ta' Doħa; jirrimarka li r-Rawnd se jespandi sistema ta' regoli kummerċjali li jagħmlu ħsara lill-ekonomiji tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jinvadi l-ispazju domestiku ta' politika tal-pajjiżi; jitlob li jiġu sospiżi n-negozjati dwar l-akkwist governattiv, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u l-liberalizzazzjoni tal-investimenti u s-servizzi, peress li dawn huma fl-interess tal-pajjiżi żviluppati biss, idgħajfu l-provvista tas-servizzi pubbliċi u jheddu l-istabilità ekonomika u finanzjarja;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-mexxejja tal-G20, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Eurogroup, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.